MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2012

Talba Numru. 883/2011

**Mary Anne Farrugia
ID-544278(M)**

**vs**

**Bezzina Rita**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attrici talbet lill-konvenuta sabiex thallas is-somma ta' seba' mija u hdax-il Ewro u erbgha u tmenin centezmu (€711.84c) rapprezentanti bilanc minn somma akbar prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenuta li baqghet ma thallsetx.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja datata 27 ta' Settembru 2011 u bl-imghax skond il-Ligi sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenuta ngunta in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra n-noti ta’ riduzzjoni tas-socjeta’ attrici, datati 26 ta’ Jannar 2012 u 13 ta’ April 2012 rispettivament, li permezz taghhom it-talba tas-socjeta’ attrici giet ridotta ghal sitt mija u hdax-il Ewro u erbgha u tmenin centezmu (€611.84c), u ulterjorment ghal hames mija u hdax-il Ewro u erbgha u tmenin centezmu (€511.84c).

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attrici s-somma ta’ hames mija u hdax-il Ewro u erbgha u tmenin centezmu (€511.84c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------